**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 18 ta' Ottubru, 2018

Rikors Guramentat : 25/15 AL

**A B C**

**vs**

**Avukat Dr Simon Micallef Stafrace u**
**l-PL Jeremy Buttigieg li b'digriet tat-18 ta' Mejju 2015 gew nominati bhala kuraturi biex jirrapresentaw lill-assenti HC)**
**u b'digriet tas-7 ta' Dicembru 2016 il-PL Jeremy Buttigieg gie sostitwit bil-PL Veronica Rossignaud**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti kkuntrattaw zwieg fid-data ta' l-ghoxrin (20) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) liema

zwieg civili sar quddien l-Ufficjal tar-Registru Pubbliku l-Belt, Valletta;

2. Illi frott tar-relazzjoni ta' bejn il-partijiet twieled il-minuri J C li twieled fid-data ta' hamsa (05) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sitta (2006), gewwa Pieta' u fid-data tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) twieled il-minuri L C, gewwa Berkshire Hospital Reading U.K. (Certifikati tat-Twelid hawn annessi u mmakati bhala Dok C1 u Dok C2 rispettivament);
3. Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment minhabba eccessi, sevizzi, theddid u ingurji gravi, fost ragunijiet ohra validi fil-Ligi li rendew il-hajja konjugali impossibbli u li jaghtu lok ghas-separazzjoni personali skont il-Ligi, bi htija imputabbli unikament lill-konvenut;
4. Illi r-rikorrenti mhux talli kienet kostretta titlaq mid-dar matrimonjali stante li kienet qed tisfa u b'mod kontinwu msawwta mill-konvenut zewgha izda talli giet mkeccija mid-dar matrimonjali gewwa UK, minn zewgha f'nofs ta' lejl flimkien ma uliedha minuri;
5. Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi bil-proceduri kontenzjuzi ghas-separazzjoni minn mal-konvenut permezz ta' Digriet moghti mill-Onorevoli Imhallef Robert G. Mangion LL.D., enumerat 70/15, ittra medjazzjoni numru 7/15, hawn anness u mmarkat bhala Dok D);
6. Illi nonostante notifika bil-proceduri tal-medjazzjoni, l-intimat ghazel li jibqa gewwa l-Inghilterra u ghalhekk huwa assenti minn Malta;
7. Illi kif ser jigi ampjament ippruvat fil-kawza, l-esponenti qeghda tigi soggeta kontinwament ghat-theddid u fastidju mill-intimat b'mod kontinwu u dan permezz ta' mezzi elettroniki u mobile phones;
8. Illi l-esponenti hija vittma ta' vjolenza da parti tal-konvenut zewgha, kif jista' jigi ppruvat ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u kienet kostretta titlaq mid-dar matrimonjali b'biza ghall-inkoluminita' fizika kemm taghha kif ukoll tat-tfal imsemmija;
9. Illi dan l-agir abbuziv da parti tal-konvenut qieghed ikun ta' riskontru u ezempju hazin ghal ulied il-partijiet;
10. Illi sal-lum il-konvenut mhux qed ihallas manteniment;

11. Illi dawn il-fatti huma ta' diretta konoxxenza ta' l-esponenti;
12. Illi, ghalhekk, l-esponenti kellha tiftah din il-kawza;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti bi htija imputabbli unikament lill-konvenut;
2. Tawtorizza lill-istess A B C illi tghix separata mill-konvenut zewgha;
3. Tordna l-konvenut ihallas lill-attrici dik is-somma li l-Qorti tqies gusta in linea ta' manteniment, kemm ghaliha kif ukoll ghaz-zewg ulied minuri;
4. Tordna li l-hlas ghall-manteniment ghandu japplika mid-data li fiha l-attrici giet kostretta titlaq mid-dar matrimonjali;
5. Tordna li kwalunkwe access tal-konvenut lejn il-minuri jigi michud u dan ghas-sigurta' u fl-ahjar interess tal-minuri;
6. Tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri J C u Ali C tigi eskussivament f'idejn l-omm esponenti li dejjem protegiet u hadet hsieb l-interessi kollha tal-minuri;
7. Tiddikjara xolta il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut billi, okkorrendo ghall-finijiet ta' dina t-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni fejn hu possibbli u nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jipprezenta lill-eventwali kontumacja jew assenti fuq l-istess att;
8. Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti u tassenja l-partijiet sehemhom mill-istess;
9. Tapplika u tikkomina d-dispozizzjonijiet ta' l-Artikoli 48 u 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta kontra l-konvenut u favur l-attrici;
10. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-istess attrici A B C l-beni kollha dotali u parafernali taghha;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-proceduri kontra l-konvenut inkuzi dawk tal-mandat tal-inibizzjoni enumerat 7/15, minn issa ingunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, li permezz taghha eccepixxa : (fol 58)

1. Illi, preliminarjament, ir-Rikors Guramentat tar-rikorrenti ma jinkludix l-Avviz kif rikjest mill-Artikolu 156(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk ghandu jigi korrett;
2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw d-dritt li jippresentaw risposta ulterjuri f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Salv risposta ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Rat l-atti kollha tal-proċediment inkluż l-affidavit uniku tal-attriċi;

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 t'April 2018 illi permezz tiegħu il-kuratur Dr. Simon Micallef Stafrace irtira l-ewwel eċċezzjoni tiegħu[1];

Rat illi fl-istess verbal ġie ddikjarat mill-kuratur għall-assenti illi huwa m'għandux kuntatt mal-intimat u għalhekk m'għandux iktar provi xi jressaq. Dr. Micallef Stafrace kien esebixxa permezz ta' nota tat-13 ta' Frar 2018[2], kopja t'ittra li huwa bagħat lill-assenti, kif ukoll kopja t'ittra oħra mibgħuta minnu lid-difensur tal-attriċi fejn huwa talabha d-dettalji kollha tal-assenti.

Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

---

[1] Fol. 62
[2] Fol. 60

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-Qorti ma tistax ma tiddeplorax in-nuqqas ta' diliġenza min-naħa tal-attriċi fil-preżentata tar-**rikors ġurament li ġie ntavolat mingħajr it-twissija rikjesta mill-Artikolu 156(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. L-Artikolu 156 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:-

> ***(1)Ir-rikors ġuramentat għandu jitlesta mill-attur u għandu jkun fih –***
>
> ***-omissis –***
>
> ***(d) f'kull rikors ġuramentat għandu jkun hemm stampat b'ittri ċari u preċiżi taħt l-intestatura tal-Qorti dan il-kliem li ġej:***
>
> ***"Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioè minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skont il-liġi.***
>
> ***Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu xi jgħid fil-kawża."***

Illi kieku kien dan biss l-uniku ilment proċedurali riskontrat f'din il-kawża, il-Qorti kienet tkun disposta li tibqa' għaddejja bl-għoti tas-sentenza in vista li l-ġjurisprudenza kostanti tagħna

tiffavorixxi l-ammissibilita` tal-atti u mhux in-nullita tagħhom.[3] *"In-nullitajiet għad-defiċjenzi proċedurali għandhom jiġu skoraġġiti u fejn hu possibbli l-atti jiġu salvati."*[4] Diversi kawżi jiċċitaw l-insenjament tal-Laurent fejn fi Principii di Diritto Civile[5] ifisser in-nullita` bħala *"é un mezzo estremo cui il legislatore non ricorra che in caso di necessita`"*

Illi inoltre il-kuratur inizjalment kien eċċepixxa in-nullita` tar-rikors ġuramentat għab-bażi tan-nuqqas ta' dan l-element partikolari, iżda kif diġa ntqal, din l-eċċezzjoni ġiet sussegwentement minnu irtirata.

Illi minkejja li n-nullita` tal-atti hija meqjusa odjuża u li l-qrati qed jevitaw il-moltiplikazzjoni u d-dilazzjoni tal-kawżi, il-Qorti hija xorta waħda tenuta mit-tħaris tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali fosthom il-prinċipju sagrosant tas-smigħ xieraq. Dana qiegħed jintqal fid-dawl tal-fatt li l-konvenut ma ġiex innotifikat bl-atti personalment iżda inħatru l-kuraturi fl-assenza tiegħu. Din il-Qorti tirrileva illi ladarba l-attriċi tiddikjara illi l-konvenut huwa ċittadin Ingliż[6] li jirrisjedi ġewwa l-Ingilterra, **il-proċedura li kellha tiġi adoperata ma kinitx il-ħatra tal-kuraturi għall-assenti iżda n-notifika tal-intimat personalment bil-proċedura stipulata ai termini tar-Regolament KE Nru1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**[7].

Diffikolta` oħra proċedurali riskontrata minn din il-Qorti hija n-nuqqas ta' prova relattiva għal-lok fejn ġie kkontrattat iż-żwieġ bejn il-partijiet (jekk kemm-il darba huma tassew miżżewġin).

---

[3] Ara f'dan is-sens, fost ħafna oħrajn, Frank Coppola vs. General Road Servicing, deċiża fis-7 ta' Diċembru 2005; Joseph Borg noe. vs. Alice Grech et, deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Novembru 1994; Victor Henry Debono et. vs. Onor. Dr. Vincent Tabone noe., deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Mejju 1970; Middlesea Insurance p.l.c. vs. Vella Karl, 10 t'Ottubru 2005, per Imħallef Philip Sciberras;

[4] The Margarine Import Company Limited vs. Kontrollur tad-Dwana, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 t'Ottibru 2003.

[5] Vol. 1 para. 43

[6] Fl-affidavit tal-attriċi, hija tiddikjara illi żewġha kien ingħata passaport Ingliż.

[7] Regolament tat-13 ta' Novembru dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali;

Il-Qorti tirrileva illi minkejja li l-attriċi tiddikjara illi l-partijiet iżżewġu fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta, l-ebda ċertifikat taż-żwieġ ma ġie ippreżentat fil-mori tal-kawża in sostenn ta' dan. Meta wieħed jikkunsidra l-fatt li l-konvenut huwa assenti minn Malta, x'aktarx jgħix u huwa domiċiljat l-Ingilterra u li huwa ta' doppja nazzjonalita Torka u Ingliża (iżda m'għandu l-ebda ċittadinanza Maltija), dan in-nuqqas tal-preżentata taċ-ċertifikat taż-żwieġ jikseb wisq iktar rilevanza minħabba l-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti. Dana jingħad in vista li fid-dawl tal-Artikolu 742 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili[8], illi jitratta l-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin, l-uniku ness li jista' l-konvenut għandu ma Malta huwa l-fatt li kkontratta ż-żwieġ mal-attriċi hawn Malta. **Illi l-Qorti, fiċ-ċirkostanzi tan-nuqqas ta' prova tal-imsemmi ness, m'għandhiex iċ-ċertezza morali li hija tħaddan il-ġurisdizzjoni li tiddeċiedi fuq il-każ.**

Il-Qorti tirreferi wkoll għal dak stipulat dwar il-ħatra tal-kuratur u jekk din hijiex biżżejjed biex tikkostitwixxi l-preżenza li trid il-liġi ai fini ta' ġurisdizzjoni. Il-kawża, Angelo Cutajar & Sons Limited vs. Dr. Anthony Cremona noe.[9], trattat il-ġurizzdizzjoni tal-Qrati tagħna f'ambitu ta' kummerċ, u għalhekk ma titfax dawl fuq il-każ odjern, iżda dak stipulat f'dik il-kawża dwar il-ħatra tal-kuraturi huwa validu f'kull ċirkostanza, inkluż il-preżenti, u dana fejn intqal: *"hija tal-fehma li l-ħatra waħedha ta' Kuratur Deputat għal parti li ma tkunx tinsab f'Malta m'hijiex biżżejjed biex issejjes l-element ta' preżenza fil-ġurisdizzjoni, fejn tali preżenza hija meħtieġa, imma sservi biss biex tintegra l-ġudizzju fejn, minħabba ċirkostanzi oħrajn li bihom il-ġurisdizzjoni hija altrimenti stabilita, kawża titressaq quddiem Qorti Maltija. Li kieku kellha tingħata tifsira oħra, kien ikun ifisser li l-ħtieġa tal-liġi għall-preżenza tal-parti mħarrka f'Malta kienet tkun waħda sempliċement tejoretika, billi din setgħet tingħeleb kull darba billi wieħed jirrikorri għall-ħatra ta' Kuratur Deputat u b'hekk joħloq "il-preżenza";*

[8] Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;
[9] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 t'Ottubru 2003, 2545/1998JRM

Oltre dawn it-tliet diffikultajiet proċedurali importanti, kien hemm ukoll difetti żgħar oħrajn bħal li d-dokumenti annessi mal-istess rikors ġuramentat m'humiex oriġinali meta setgħu faċilment kienu. M'humiex awtentikati u lanqas biss huma integri għaliex huma kopja fotostatika ta' parti mid-dokument u mhux tad-dokument sħiħ; Suppost illi dawna huma kopji taċ-ċertifikati tat-twelid ta' ulied il-partijiet;

Illi meħud kull wieħed minn dawn l-aspetti separatament, il-Qorti setgħet forsi telgħeb dawn id-diffikoltajiet u tasal għall-eżami tal-mertu ta' din il-kawża. Iżda fl-assjem tad-diffikoltajiet proċedurali ikkunsidrati flimkien, **<u>il-Qorti hija rinfaċċjata b'rikors ġuramentat li huwa potenzjalment null għaliex nieqes minn element partikolari essenzjali, li ma ġiex innotifikat skont il-liġi u bid-dubju serju jekk għandhiex il-ġurisdizzjoni tisma' l-istess kawża.</u>**

Mhux biss fil-proċedura iżda anke fil-mertu, din l-azzjoni tirriskontra nuqqasijiet sostanzjali. L-attriċi tagħmel mhux inqas minn għaxar talbiet lil din il-Qorti. Hija tallega fir-rikors ġuramentat illi "*mhux talli kienet kostretta titlaq mid-dar matrimonjali stante li kienet qed tisfa u b'mod kontinwu msawwta mill-konvenut żewġha iżda talli ġiet imkeċċija mid-dar matrimonjali ġewwa UK, minn żewġha f'nofs ta' lejl flimkien ma' uliedha minuri".* Illi minkejja dawn it-talbiet kollha u dawn l-allegazzjonijiet serji, l-attriċi **tippreżenta biss affidavit uniku tagħha mingħajr ma ssostnih b'ebda dokument**. Illi fil-fehma tal-Qorti dan m'huwiex biżżejjed biex il-Qorti tasal għad-deċiżjoni tagħha. Fil-fatt, il-provi tant huma skarsi, li l-istorja li tistqarr l-attriċi, li żewġha keċċieha mid-dar matrimonjali billi qatagħlha l-biljetti tal-ajru lejn Malta, tidher li hija għal kollox iffabbrikata. Il-ftit fatti ippreżentati għall-konsiderazzjoni tal-Qorti iktar iwasslu lill-Qorti li tifhem li kienet l-attriċi li abbandunat id-dar matrimonjali fl-Ingilterra u ħarbet flimkien ma' uliedha billi ġiet lura lejn Malta, milli l-verżjoni li tagħti l-attriċi.

**<u>DEĊIDE</u>**

Għalhekk, għal dawn il-motivi u **in vista tad-diversi lanjanzi proċedurali riskontrati fl-atti tal-proċediment u fl-assjem tagħhom,** kif ġie iktar 'il quddiem elaborat, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad it-talbiet tal-attriċi bl-ispejjeż kontra tagħha.